29 ta' April, 1947.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Fortunato Vassallo *versus* Giuseppe Zahra

**Assoċjazzjoni in Partiċipazzjoni — Likwidazzjoni — Kontijiet.**

*Meta bejn il-partijiet ikun hemm ftehim ta' assoċjazzjoni in partiċipazzjoni, fejn wieħed ikun il-kapitalista u l-ieħor l-appaltatur, b'mod li l-assoċjat kapitalista jdaħħal il-flus u jħallas l-ispejjeż, l-azzjoni li għandu s-soċju l-ieħor biex jitlob sehmu mill-profitti ma hix dik tal-likwidazzjoni, imma dik ta' rendiment ta' kontijiet kontra s-soċju li kien jamministra l-assoċjazzjoni.*

*Qabel ma jingħata dan il-kont, u jiġi approvat jew impunjat, it-talba ta' l-assoċjat l-ieħor għal sehmu mill-profitti hija intempestiva.*

L-attur fit-taħrika qal illi huwa u l-konvenut ħadmu f'assoċjazzjoni bejniethom kuntratt ta' xogħol għall-Air Ministry f'Ħal Luqa u Kalafrana, li kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' "marshalling areas" u "perimeter track" Ħal Luqa, u ta' "Airmens' dining wing" Kalafrana; u illi huwa ħallas biċċa mill-partiti tan-nefqa u l-konvenut ħallas biċċa oħra mill-istess partiti, u l-flus ħariġhom il-konvenut skond ma jidher mill-prospett "A" unit mat-taħrika, u l-partiti kollha li fih għandhom x'jaqsmu max-xogħol ta' Kalafrana, barra l-aħħar wieħed ta' £67 imsemmija bħala mħallsa għall-"perimeter track", ċjoè għax-xogħol ta' Ħal Luqa; u illi l-konvenut daħħal għal dawn ix-xogħlijiet is-somma ta' £1,400 għax-xogħol ta' Kalafrana, u ta' ċirka £1,400 mix-xogħol ta' Ħal Luqa; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġu minn dina l-Qorti likwidati, jekk hemm bżonn anki per mezz ta' perit, il-profitti li għamlu l-kontendenti mill-imsemmijin xogħlijiet, u jiġi l-konvenut kundannat iħallas lill-attur in-nofs ta' l-istess profitti; bl-imgħax ta' sitta fil-mija min-notifika ta' din iċ-ċitazzjoni sal-pagament;

bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-22 ta' Frar 1945;

*Omissis;*

Mill-provi rriżulta li l-kontendenti, bi ftehim bejniethom, ħadmu bi sħab ix-xogħlijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, u l-konvenut kien il-kapitalista u l-appaltatur, u kien l-istess konvenut li kien idaħħal il-flus u jiżborża l-ispejjeż. Taħt dawk iċ-ċirkustanzi huwa applikabbli t-tagħlim tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tal-5 ta' Frar 1932, in re "Pietro Paolo Said vs. Filippo Camilleri et." li :— "Nel caso di una associazione in partecipazione l'azione concessa dalla legge dopo lo scioglimento non è quella di liquidazione, ma di resa di conto da parte del socio che gestiva il negozio". U tabilħaqq, fil-każ tal-partijiet l-amministrazzjoni tan-negozju kienet interament f'idejn il-konvenut, li għalhekk għandu l-obligu u d-dritt ta' amministratur li jirrendi l-kont. U peress li qabel ir-rendikont, u l-approvazzjoni jew impunjazzjoni tiegħu, ma jistax jingħad min hu kreditur jew debitur, it-tieni talba wkoll hija intempestiva;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari, u teħles lill-konvenut mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.